MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 175/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Raniero Paul Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Raniero Paul Borg talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Lulju 2002 u/jew fil-jiem ta' qabel din id-data:

(a) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

(b) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor,

ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qliegh ta' aktar minn Lm5,000 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan ir-reat, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(c) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, fl-10 ta' Lulju 2002, importa jew kellu x'jaqsam filli jigu importati jew imdahhla f'Malta oggetti li l-importazzjoni taghhom hija limitata, dan bil-hsieb li jiffroda l-Gvern ta' Malta minn dazju li kien imissu jithallas fuqhom, wara li l-oggetti nstabu wara intervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tad-Dwana fil-vettura (truck) tal-marka Scania bin-numru tar-registrazzjoni ABJ-748 u fit-trailer bin-numru tar-registrazzjoni TR507, liema oggetti nstabu mohbija, parti fit-truck u l-kumplament fit-trailer ma' merkanzija (gypsum) liema merkanzija konsistenti f'gypsum kienet importata b'mod regolari bid-dokument tad-dwana (R37629 datat 9 ta' Lulju 2002), l-oggetti in kwistjoni li kienu jikkonsistu f'mobile phones u xorb alkoholiku gew maqbuda permezz ta' Nota ta' Qbid, mahruga mid-Dwana liema mobile phones ghandhom il-valur ta' Lm30,795.00 u dazju Lm2,001,67.5, filwaqt li l-valur tax-xorb alkoholiku kien ta' Lm648.00.0 u dazju tas-Sisa kien ta' Lm540.00.0 u imposta (Levy) ta' Lm2.25.0, l-oggetti imsemmija huma kollha soggetti wkoll ghat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT), liema dazju, dazju tas-sisa, imposta u VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

(d) f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, importa jew kellu x'jaqsam filli jigu importati jew imdahhla f'Malta oggetti li l-importazzjoni taghhom hija limitata, dan bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazju li kien imissu jithallas fuqhom, wara li l-oggetti nstabu wara intervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tad-Dwana fil-vettura (truck) tal-marka Scania bin-numru tar-registrazzjoni ABJ-748 u fit-trailer bin-numru tar-registrazzjoni TR507, liema oggetti nstabu mohbija, parti

fit-truck u l-kumplament fit-trailer ma' merkanzija (gypsum) liema merkanzija konsistenti f'gypsum kienet importata b'mod regolari liema mobile phones ghandhom il-valur ta' Lm30,795.00 u dazju Lm2,001,67.5, filwaqt li l-valur tax-xorb alkoholiku kien ta' Lm648.00.0, dazju tas-sisa kien ta' Lm540.00.0 u imposta (Levy) ta' Lm2.25.0, l-oggetti imsemmija huma kollha soggetti wkoll ghat-taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), li tammonta ghal Lm4619.28 u Lm178.53.7 rispettivament, liema taxxa fuq il-valur mizjud ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

(e) sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' April 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' April 2007 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Raniero Paul Borg hati ta' l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minnhom, iddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tar-raba' imputazzjoni li giet irtirata, u sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 18, 60(a)(b)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(m) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 16(j) u 17(a) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena ta' sitt xhur prigunerija liema piena ma ssehhx hlief jekk l-istess Raniero Paul Borg jikkommetti reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza appellata. Inoltre kkundannatu jhallas multa ta' Lm8,127.17.5 u ordnat il-konfiska tax-xorb alkoholiku;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raniero Paul Borg pprezentat fis-27 ta' April 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati jew ma applikatx provvedimenti kontra tieghu, u thassarha ghall-kumplament billi tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-aggravju principali, tibdilha dwar il-piena billi teskludi kull reita` u piena dwar il-mobile phones imsemmija fis-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-8 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fl-intier taghha ghajr li in aggunta tordna l-konfiska tat-truck u trailer uzat fil-kommissjoni tar-reat u tordna li terz tal-multa jkun dovut lid-Dipartiment tad-Dwana bhala dejn civili;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti sejra l-ewwel tikkunsidra r-rikors ta' l-appellant Raniero Paul Borg (minn hawn 'il quddiem imsejjah "l-appellant"). Huwa ghandu tliet aggravji li se jigu trattati *seriatim*.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ligi. Jghid li l-oggetti li kellu ma kinux oggetti projbiti li appena jidhlu fl-ibhra Maltin ikun sar ir-reat. Fuq l-oggetti mhux projbiti, isostni l-appellant, ir-reat jissussisti meta jkun hemm l-isdoganar taghhom. Jista' jkun hemm it-tentattiv izda jridu jirrikorru l-elementi materjali kollha u mhux biss is-suspett ta' l-intenzjoni ta' evazjoni ta' dazju. Skond l-appellant, biex jissussisti r-reat irid ikun hemm ghall-inqas il-prova li l-hati pprova johrog jew kien qrib li johrog mill-*enceinte* tad-Dwana. Il-fatt li l-ufficjali gihom suspett u ezaminaw ma jfissirx li l-appellant kien qed jevadi d-dazju sa dak il-hin. Kollox kien ghadu taht il-kontroll tad-Dwana u la kien ghadu gewwa kien ghadu biss soggett ghad-dazju u mhux soggett ghall-piena ta' evazjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx. L-artikolu 60(a) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghall-konfiska ta' oggetti suggetti ghal hlas ta' dazju li jigu "<u>zbarkati</u> minn bastiment f'Malta, minghajr ma jkun gie qabel imhallas jew ikkawtelat id-dazju ta' importazzjoni" (sottolinear ta' din il-Qorti). L-artikolu 62(b) imbaghad jitkellem dwar ir-reat ta' min "<u>jizbarka</u>, jew jghin jew ikollu b'xi mod iehor x'jaqsam filli jigu zbarkati oggetti li taghhom hija pprojbita l-importazzjoni, jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata u

mportati b'kontravvenzjoni ta' dik il-limitazzjoni, jew oggetti suggetti ghal dazju, bla ma dan id-dazju jkun gie mhallas jew ikkawtelat" (sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa ghalhekk evidenti illi ghall-finijiet ta' l-imsemmijin artikoli, u li tahthom l-appellant instab ukoll hati, mhux mehtieg li l-oggett johrog mill-area doganali u huwa bizzejjed li l-oggett jigi <u>zbarkat</u>.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

It-tieni aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi. L-appellant hawn isostni illi l-ewwel Qorti sabet htija ghaliex dehrilha li l-kliem li uza li x-xorb kien tieghu biex jiffranka xi haga, kienu fis-sens li dak li jiffranka kien id-dazju. Mhux necessarjament hekk, jghid l-appellant. Xorb li jinxtara minn barra l-pajjiz jista' jkun ferm irhas minn dak li jinxtara mill-agent minn Malta. Jghid li l-ewwel Qorti bbazat ir-ragunament taghha fuq li l-appellant ma weriex li kien se jaghmel id-dikjarazzjoni fil-post appozitu, fejn tghaddi l-karti u thallas. Fil-fatt il-fizzjali marru fuqu qabel ma kien resaq lejn il-bieb, u qabel ma kien jidher car li ma kienx se jitla' t-tarag u jhallas id-dazju f'ufficcju li hemm f'sular ta' fuq. L-appellant jinsisti li dan mhux korrett. Kien ghadu fl-istadju li jmur, u lill-fizzjali kellu biss jifthilhom u jhallihom jezaminaw u wara jhallas skond dak li jkunu sabu. Jidher ukoll, ikompli l-appellant, li l-Qorti helsitu mill-htija dwar il-*mobiles* ghaliex dawn kienu ta' terzi u ma kellhom x'jaqsmu xejn u effettivament halsu d-dazju u hadu l-*mobiles*. Kif imbaghad jehel il-multa dwarhom l-appellant? Huwa kien biss trasportatur taghhom u jekk kellu jhallihom id-Dwana, il-fizzjali ma qaghdux jintilfu fuq hekk, imma la kienu fil-kabina allura kien hemm l-evazjoni. Ghalhekk dwar il-*mobiles*, la ma kien hemm ebda evazjoni da parti ta' l-importaturi taghhom, daqstant ma kienx hemm evazjoni da parti tat-trasportatur.

Il-provi juru xenarju ghal kollox differenti minn dak impingi mill-appellant. Jirrizulta illi fl-10 ta' Lulju 2002 l-appellant wasal Malta fuq il-vapur Island Seaway bit-truck numru ABJ-748 u trailer numru TR-507. Skond il-*bill of lading* (ara fol. 390) kellu jkollu taghbija ta' "gesso" kif effettivament kellu. Pero` minn tfittxija li ghamlu ufficjali

tad-Dwana nstabu wkoll kaxex kontenenti *mobiles* u kaxex kontenenti xorb alkoholiku. Kif se naraw l-appellant fl-ebda mument ma wera li kien se jmur jaghmel id-dikjarazzjoni appozita u jhallas dak li kellu jithallas.

L-Ispettur Alexandra Mamo xehdet illi meta marret id-Dwana biex tibda tinvestiga l-kaz, gharrfet lill-appellant bid-drittijiet tieghu skond il-ligi u saqsietu x'kienet din il-manuvra kollha u hu qallha "biex wiehed jista' jiffranka xi dazju". Sussegwentement haditlu stqarrija. F'din l-istqarrija, mistoqsi ghal liema raguni ma ddikjarax il-merkanzija konsistenti f'kwantita` ta' mobiles u xorb lid-Dwana izda minflok baqa' hiereg 'il barra, wiegeb: "Mhux biex tiffranka xi haga!" Peress illi l-appellant jishaq fuq x'kienet jew ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jaghmel, huwa utili li jigi riprodott dak li segwa dawn il-mistoqsija u twegiba fl-istqarrija tieghu.

"M: Ghaliex iddikjarajt il-gibs biss u l-kumplament tal-merkanzija ma gietx dikjarata?
T: Il-gypsum kellu l-karti lesti hu.
M: Qallek xi hadd biex ma tiddikjarahiex?
T: Le.
M: Ghaliex ma ddikjarajthiex lid-Dwana?
T: Ghax ma ddikjarajthiex hu!
M: Taf li kellek tiddikjaraha lid-Dwana?
T: Iva.
M: Xi hadd weghdek xi haga sabiex ma tiddikjarax din il-merkanzija u jigi evadut id-dazju dovut lid-Dwana ghal tali importazzjoni?
T: Le.
M: Jafu l-importaturi, cioe` C & D Marketing u Click Imports li inti ma ddikjarajtx din il-merkanzija?
T: Le."

In-nuqqas ta' *buona fede* ta' l-appellant tidher ukoll mix-xiehda ta' l-ufficjal tad-Dwana Neville Cesareo. Qal li kien ma' Emanuel Bonnici u nnutaw it-*truck* bit-*trailer* imsemmija jinzel minn fuq il-vapur. Dan dar ma' *shed 3* u baqa' hiereg fid-direzzjoni tal-*gate*, li mhux manuvra normali u ghalhekk dehrilhom li kellhom jispezzjonawh. Sabuh wieqaf bil-magna startjata wara zewg *containers*

tal-erbghin. Marru fuqu, qalulu li xtaqu jaraw il-gabina tat-*truck* u ma oggezzjonax. Tefa l-magna, qalilhom li jistghu jitilghu u kif fethu l-purtiera tas-*sleeper cab* tat-*truck* dehru kwantita` ta' kaxxi li kienu jidhru tax-xorb u ohrajn kannella li l-appellant stess qalilhom kienu *mobiles*. Saqsewh jekk iddikjarahomx lid-Dwana u qal li kien hemm habib tieghu li mar jiddikjara lid-Dwana. Tfacca certu Angelo Abela bir-*release* tat-*truck* u li qal li l-appellant suppost kien qed igorr il-*gypsum* u li ma kienx iddikjara alkohol u *mobiles*. Ix-xhud qal li talab lill-appellant jiehu t-truck go *shed 3* biex jezaminaw u jhottu l-affarijiet li kien fih. Huwa pproduca l-fatturi tax-xoghol li kien hemm fil-gabina. Saqsa lill-appellant jekk kellux xi haga ohra barra l-*gypsum* fit-*trailer*, l-appellant wiegeb "le, oqghod fuq il-kelma tieghi li m'hemm xejn". Meta talab lill-appellant biex iholl l-incirata tat-*trailer*, qallu li hemm zewg kaxxi *mobile phones*, kixfu l-incirata u fuq in-naha ta' wara tat-*trailer* bejn il-*pallets* kien hemm diversi kaxxi tal-*mobile phones* u l-appellant ipproduca l-kumplament tal-ircevuti tax-xoghol li ma kienx ghadu urihomlhom.

Ix-xiehda ta' Neville Cesareo giet bazikament korroborata minn dik ta' Emanuel Bonnici.

Mir-*release order* (ara fol 63) jirrizulta illi kemm id-"declarant" kif ukoll l-"importer" huma indikati bhala "Raniero Paul Borg" u li l-merkanzija dikjarata kienet biss il-*gypsum*.

Minn dan kollu jidher car illi l-intenzjoni ta' l-appellant kienet li jibqa' hiereg mill-area doganali minghajr ma jiddikjara kemm il-*mobiles* kif ukoll ix-xorb alkoholiku. Kien Angelo Abela – l-importatur tal-*gypsum* – inkarigat biex imur igib il-*clearance* u l-*clearance* kien proprju ghal *gypsum* u ghal xejn aktar. Dwar il-*mobiles* u l-alkohol Angelo Abela ma kien jaf xejn. Fil-fatt Angelo Abela xehed illi huwa kien ordna l-*gypsum* minn Catania u kien qabbad lill-appellant biex igorrulu. Huwa kien ircieva l-fatturi minghand id-ditta esportatrici, mar id-Dwana biex jaghmel il-proceduri tas-soltu, hallas kull ma kellu jhallas u meta dahal il-vapur mar it-tinda biex jirrilizjawh. Qalulu li kien jonqsu d-dokument ta' meta hargu t-truck u t-trailer. Mar

minn fejn kien jitlaq il-vapur “Zebbug” u ma kellhom xejn u mar ifittex lill-appellant u sabu ma’ zewg ufficjali tad-Dwana li saqsewh x’xoghol kien iddikjara u qalilhom li l-*gypsum*. Dwar il-*mobiles* u l-alkohol ma kien jaf xejn.

Kwantu ghall-*mobiles* jirrizulta illi dawn kienu gew ordnati minn zewg kumpaniji lokali. Xehdu Keith Sultana ghal Click Imports u Peter Pace ghal C & D Marketing. Sultana kien inkariga lill-appellant biex inizzillu l-*mobiles* u meta jasal Malta jhallihom mad-Dwana sabiex l-ghada jmur personalment Sultana biex jipprocessa d-dokumenti ghar-rilaxx taghhom. Il-*mobiles* kellhom jigu konsenjati lill-appellant minn certu Dario di Stefano. Pace kien kellem lil di Stefano dwar konsenja ta’ *mobiles* li kellu ordnati u dan qallu li se jibaghthom ma’ l-appellant sabiex dan ihallihom id-Dwana u mbaghad imur ukoll Pace personalment sabiex jirrilizjahom. Iz-zewg xhieda qalu li din il-procedura kienu solitament jaghmluha b’dan illi fil-kaz ta’ Sultana kien ghamilha personalment hu darbtejn meta gab ix-xoghol bl-ajru, u cioe` jhallihom mad-Dwana u l-ghada jmur jirrilizjahom. It-tnejn cahdu li kienu b’xi mod taw xi struzzjonijiet sabiex l-appellant ma jiddikjarax il-*mobiles*. Ghalhekk din il-Qorti ma tista’ tifhem bl-ebda mod ghaliex l-appellant agixxa kif agixxa fir-rigward tal-*mobile phones*, galadarba l-inkarigu tieghu kien li jhallihom id-Dwana sabiex jigu processati d-dokumenti mehtiega mill-importaturi.

Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti, qal li hu kellu d-dokumenti tad-Dwana tax-xorb u tal-*mobiles* jipprezentawhom is-sidien. Dan xorta ma jispjegax ghaliex naqas milli jmur jiddikjarahom. Fuq dan il-punt l-ewwel Qorti qalet hekk fis-sentenza taghha: “Illi fuq l-iskorta ta’ din l-affermazzjoni l-abbli difensur ta’ l-imputat argumenta li jekk l-imputat kellu d-dokumenti kollha u kien ghadu ma harigx miz-zona doganali allura ma jezisti ebda reat li jista’ jigi attribwit lill-imputat. Din it-tezi kienet tkun konfortata kieku l-imputat informa liz-zewg fizzjali tad-Dwana li marru fuqu li hu kien sejjer jghaddi l-karti hekk kif Angelo Abela jirritorna. L-imputat ma ha ebda pass biex juri lill-fizzjali li hu kien ser jghaddi l-karti necessarji dwar ix-xorb u jinforma li kien ser ihalli l-*mobiles* mad-Dwana. Skond l-

istruzzjonijiet li kellu l-imputat kellu jhalli l-*mobiles* mad-Dwana. L-ordni tieghu kien li jgorr l-merkanzija sad-Dwana u mbaghad l-importaturi kienu se jisdoganaw il-*mobiles*.” Ma’ dawn l-osservazzjonijiet din il-Qorti zzid tghid illi anke meta gie interrogat mill-Pulizija l-appellant ma qalx li huwa kien fi hsiebu jmur jiddikjara kollox.

Minn dan kollu ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi illi l-appellant mhux biss kellu l-intenzjoni li ma jiddikjarax kemm il-*mobiles* kif ukoll ix-xorb, izda effettivament ma ddikjarahomx u mill-agir tieghu u mid-dikjarazzjonijiet tieghu lill-ufficjali tad-Dwana u lill-Pulizija wera li ma kellu l-ebda intenzjoni li jiddikjarahom.

Ghaldaqstant anke t-tieni aggravju qieghed jigi respint.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid illi dwar il-*mobiles* l-ewwel Qorti ma sabitx illegittimita` u d-Dwana tathom lis-sidien. Jekk ma kienx hemm evazjoni taghhom, l-appellant m’ghandux ibati piena dwarhom.

Jekk id-Dwana tat il-*mobiles* lis-sidien dan ghamlitu peress illi rrizulta li min kien ordnahom kien ta struzzjonijiet biex dawn jithallew mad-Dwana mbaghad jipprocessaw id-dokumenti taghhom huma. Izda l-appellant ma mexiex skond dawk l-istruzzjonijiet u ttenta jevadi d-dazju kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza tad-Dwana u, fil-kaz ta’ l-alkohol, ta’ l-Att dwar Dazju tas-Sisa.

Ghalhekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

Din il-Qorti sejra issa tikkunsidra r-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali. L-aggravju ta’ l-Avukat Generali huwa semplici. Galadarba l-ewwel Qorti sabet htija, kellha tordna l-konfiska tat-*truck* u tat-*trailer* skond l-artikoli 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap. 37.

L-artikolu 68(1) imsemmi kien jipprovdi[1]: **“Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta’ garr, flimkien maz-zwiemel**

---

1 Peress illi gie emendat bl-Att XXXII tas-sena 2007.

**jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Barra minn hekk l-artikolu 62 tal-Kap. 37 jipprovdi illi terz mill-multa **"ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana"**. Ghalhekk din id-disposizzjoni tapplika ghal dik il-parti mill-multa li tirrigwarda l-*mobiles*. Dawn iz-zewg artikoli ma jhallu l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. Ghalhekk l-aggravju ta' l-Avukat Generali jrid jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Raniero Paul Borg izda tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha fl-intier (b'dan illi l-multa ta' Lm8,127.17,5 hija llum ekwivalenti ghal €18,931.22), tordna wkoll, a tenur ta' l-artikolu 68(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konfiska tat-*truck* ABJ-748 u tat-*trailer* TR-507 u, a tenur ta' l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta tordna illi terz tal-multa li tirrigwarda l-*mobile phones*, liema terz huwa ekwivalenti ghal erbat elef sitt mija u tnejn u sittin euro u hamsa u sittin centezmi (€4662.65 ekwivalenti ghal Lm2001.67,5), ghandu jitqies bhala dejn civili li ghandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------